# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Settembru, 2016**

**Talba Nru: 734/2014/VG**

**Joseph ATTARD [ID. Nru. 371084M]**

**vs**

**Samy EL SAGHIR [ID. Nru. 15701L] u S.E. Link Limited [C-17948]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-30 ta' Dicembru, 2015** u li permezz taghha talab lill-intimati ihallsuh is-somma ta' elfejn u hames mitt euro [€2500] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Illi dana t-Tribunal jikkundanna lil konvenuti jew min minnhom ihallas lir-rikorrent s-somma ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) li thallsu lill konvenuti jew min minnhom mir-rikorrent ghal xogholijiet li kellhom jitwettqu mill-konvenuti jew min minnhom liema xogholijiet baqghu ma twettqux sal-lum u liema ammont ma giex rifuz lir-rikorrent minkejja d-diversi interpellanzi li saru mill-istess rikorrent.
>
> Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' meta sar il-pagament kontra l-konvenuti jew minn minnhom minn issa ngunti ghas-subizzjoni".

**Ra r-risposta tas-socjeta intimata minnha pprezentata fid-9 ta' Jannar, 2015** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

> "Is-socjeta konvenuta qed tikkontesta t-talbiet attrici u dana ghar-ragunijiet hawn taht elenkati:-
>
> 1. Illi qabel xejn it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta konvenuta ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur u konsegwentement ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
>
> 2. Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghal premess s-socjeta esponenti qatt ma nghatat inkarigu u wisq anqas thallset xi flus minghand l-attur dwar l-allegat xoghol.
>
> 3. Illi effettivament din il-kawza hija intrinsikament konnessa mal-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Joseph Attard vs Samy El Saghir et (Avviz Nru. 358/2014/FDP) u ghalhekk hemm lok ghal soprasessjoni.
>
> 4. Salv eccezzjonijiet ohra".

**Ra r-risposta tal-intimat minnu pprezentata fid-9 ta' Jannar, 2015** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

> "Il-konvenut qed jikkontesta t-talbiet attrici u dan ghar-ragunijiet hawn taht elenkati:-
>
> 1. Illi effettivament din il-kawza hija intrinsikament konnessa mal-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Joseph Attard vs Samy El Saghir et (Avviz Nru. 358/2014/FDP) u ghalhekk lok ghal soprassessjoni.
>
> 2. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu illi x-xogholijiet mifthema baqghu ma twettqux u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, it-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont pretiz kien fil-fatt start up payment ghal xogholijiet ta' entita akbar li effettivament gew imwettqa kif miftiehem kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ohra".

Ra l-verbal datat 28 ta' Jannar, 2015 fejn id-difensuri ta' l-intimati resqu kopja ta' l-atti pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-kawza fl-ismijiet Joseph Attard vs Samy El Saghir (Avviz Nru. 358/14/FDP). Id-difensur tar-rikorrenti, Dottor Marouska Debono opponiet ghat-talba ta' soprassessjoni l-ghaliex filwaqt li l-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienet tirrigwarda self, it-talba li kellhu qiddiemu t-Tribunal tirrigwarda xoghol mhux imwettaq u ghalhekk il-mertu huwa totalment differenti.

Ra n-nota imressqa mill-intimat Samy El Saghir fit-28 ta' Jannar, 2015 li esebixxa kopja ta' l-avviz pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet Joseph Attard vs Samy El Saghir (Avviz Nru. 358/14/FDP). F'dik il-kawza, t-talba hija sabiex l-intimati odjerni, jhallsu lir-rikorrenti odjern, is-somma ta' €9,000 "*rappresentanti self li sar lill-intimati jew min minnhom fil-forma ta' self brevi manu u hlasijiet li saru lil terzi fuq struzzjonijiet tal-intimat Samy El Saghir*" (fol. 14).

Ra r-rikors tal-intimat Samy El Saghir datat 2 ta' Marzu, 2015 fejn talab lit-Tribunal sabiex jissopprassjedi u dan sakemm tigi trattata u deciza l-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Joseph Attard vs Samy El Saghir (Avviz Nru. 358/14/FDP). Ma l-istess rikors gew annessi r-risposta li giet intavolata mill-istess intimat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (fol. 16) u *statement* ta' kont bankarju mizmuma mal-Bank of Valletta (fol. 17).

Ra l-verbal tal-11 ta' Lulju, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' €2500 minghand l-intimati rapprezentanti xogholijiet li kellhom jitwettqu minnhom, liema xogholijiet baqghu ma twettqux sal-lum u liema ammont ma giex rifuz lir-rikorrent minkejja d-diversi interpellanzi li saru mill-istess rikorrent. L-intimati laqaw ghal din it-talba billi t-tnejn li huma talbu li jkun hemm is-sopprassessjoni ta' din it-Talba u dan stante li hemm kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Joseph Attard vs Samy El Saghir et (Avviz Nru. 358/2014/FDP), liema kawza hija intrinsikament konnessa ma' dik odjerna. Is-socjeta intimata da parti taghha qalet li hija qeghda tikkontesta t-Talba odjerna peress li hija ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u konsegwentement talbet li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Fit-tieni lok hija qalet li qatt ma nghatat xi inkarigu u wisq anqas thallset xi flus minghand ir-rikorrenti dwar l-allegat xoghol. L-intimat da parti tieghu qal li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu illi x-xogholijiet mifthema baqghu ma twettqux u fi kwalunkwe kaz, l-ammont pretiz kien fil-fatt *start up payment* ghal xogholijiet ta' entita akbar li effettivament gew imwettqa kif miftiehem.

   Ikkunsidra;

2. **Il-Prokuratur Legali Quentin Tanti** kkonferma li s-socjeta intimata giet registrata skont il-ligijiet ta' Malta fit-3 ta' Marzu, 1995 u ghadha hekk registrata. Id-direttur tas-socjeta intimata huwa Samy Mohammed El Saghir Mohammed Suleiman maghruf bhala Samy L Saghir bil-karta ta' l-identita numru 157101L. Huwa esebixxa dokument f'dan ir-rigward li gie mmarkat bhala dok. QT1 (fol. 49).

3. **Joseph Caruana**, rapprezentant tas-socjeta Bank of Valletta plc ipprezenta dokument li gie mmarkat bhala dok. JC1 (fol. 50) konsistenti fi tlett (3) *cheque images*. Qal li skont ma jirrizulta mill-istess dokument hemm tlett cekkijiet intestati fuq isem l-intimat Samy El Saghir. Wiehed fl-ammont ta'

€500 u li jgib id-data tat-13 ta' Dicembru, 2010. Dan ic-cekk issarraf l-ghada u cioe fl-14 ta' Dicembru, 2010. Cekk iehor fl-ammont ta' €1,000 u li jgib id-data tas-26 ta' Frar, 2011 u li ssarraf jumejn wara u cioe fit-28 ta' Frar, 2011 u cekk iehor fl-ammont ta' €500 datat 16 ta' April, 2011 u li issarraf jumejn wara u cioe fit-18 ta' April, 2011.

L-istess xhud kompla jghid li fil-25 ta' Mejju, 2011 r-rikorrenti kien hallas lill-intimat s-somma ulterjuri ta' €500 permezz ta' l-*inernet banking* (dok. JC 2 a fol. 52).

4. **Robert Caruana** qal li xogholu huwa ta' *web designer* u jaghmel il-*websites*. Ir-rikorrenti kien klijent tieghu. Qal li f' Settembru, 2013 ir-rikorrenti kien talbu sabiex jaghmillu *website* li huwa kien beda ma haddiehor. Huwa talbu x'ried fiha u dan peress li rieda malajr. Mistoqsi jekk huwa jafx lill-intimati, huwa wiegeb fin-negattiv. Zied ighid li meta huwa kien ra x-xoghol li kien sar fuq il-*website* originali, kien hemm xi affarijiet li lilu "*ma ppermettewliex biex jiena nkun nista nutilizza dak li diga kien sar*" (fol. 28). Qal li l-*content management system* ma kienitx qeghda tikkomunika mal-imsemmija *website* u cioe dik li jkun jista jara l-pubbliku. Stqarr li l-*content management system* kienet ghadha kwazi mhux mibnija u kienet dik li zammitu milli jkun jista jkompli jibni fuqha. MInhabba f'hekk, huwa nforma lir-rikorrenti li "*kellna nergaw nibdew ix-xoghol mill-bidu*" (fol. 28). It-tip ta' *website* li ried ir-rikorrenti, kompla jghid dan ix-xhud, kienet "*sports website illi tidhol fiha u tkun tista tara r-rizultati dak il-hin*" (fol. 28). Qal li dan ifisser li "*kien ser ikun hemm numru ta' hits aktar mis-soltu fuq din il-website u t-teknologija li kienet qeghda tintuza mill-persuna li kien inkariga r-rikorrenti qabli kienet ghalkemm ghadha valida pero ma tiflahx ghal influss ta' traffiku illi jaf ikollhom dawn is-siti*" (fol. 28). Zied ighid ukoll li ghalkemm fuq il-*website* u li ghalhekk ikun jista jara l-pubbliku kien hemm informazzjoni, din l-informazzjoni kienet nieqsa fil-*back end system* li tiffidja din l-informazzjoni li jkun hemm fuq il-*website*.

In kontro-ezami huwa qal li hu *web designer* pero *project leader* fuq xoghol ta' *web development*. Qal li d-*designer* huwa dak li jaghmel l-istruttura tal-*website* u jiddisinjaha filwaqt li d-*developer* huwa dak li jibniha u cioe jipprogrammaha. Sahaq li hu jkun involut f'dak kollu li jkun qieghed jigri fuq kull progett partikolari. Stqarr pero li l-*web development* kien jaghmilha t-*team* tieghu u mhux hu. Huwa qabel mal-fatt li s-sistema li kien sab kienet

tuza sistema ta' *active server pages* jew kif inhi maghrufa fil-qasir ASP. Qabel ukoll mal-fatt li li l-ASP hija kontenitur tal-*visual basic HTML* u *JAVA Script Code*. Huwa qabel ukoll mal-fatt li fil-*webpage* li huwa kien ra kien hemm mixxela ta' dawn it-tlett programmi. Qal li l-preokupazzjoni principali tieghu ma kienitx ghar-rigward tal-lingwa li ntuzat sabiex isir il-programm izda ghar-rigward tad-*database*. Filwaqt li huwa qabel li l-JAVA, l-JAVA Script u l-HTML huma addatati ghal izvilupp ta' *websites* huwa stqarr i dawn il-programmi huwa juzahom ukoll. Huwa qabel mal-fatt li s-sistema ASP ser tkun ghadha *supported* mill-Microsoft ghas-*server* li jkun tat-tip Windows 2008 sas-sena 2018 u ghal Windows 7 sas-sena 2020. Qal li peress li dawn id-dati ghadhom ma waslux, is-sistema uzata minnu ghadha tajba. Huwa qabel ma dak mistoqsi lilu li s-sistema SQL hija tad-ditta Microsoft u li din kienet it-tieni l-akbar sistema li hemm wara l-Oracle. Qal li meta huwa ra l-*website* huwa seta jinnotta li kien qed jintuza l-programm Access li kienet qeghda taffettwa d-*database*. Qal li l-programm Access tal-Microsoft ma kienx jiflah ghan-numru ta' hits li kien qieghed jigi ppjanat li tircievi l-website u ghalhekk kien gie deciz li jintuza l-programm MySQL. Mistoqsi jekk setatx kienet qeghda tintuza s-sistema tal_Microsoft SQL flok l-Access, ix-xhud qal li "*meta ahna nizzilna d-data min gol-website files tal-Access kien hemm*" (fol. 89). Qal li huwa ibbazza dak li kien ghadu kif qal fuq dak li kien moghti lilu mir-rikorrenti l-ghaliex dak li intalab hu kien li jerga jaghmel l-istess *website*. Qal ukoll li bhala *website* huwa sab hmistax fil-mija (15%) taghha kienet lesta u kien wasal ghal din il-konkluzzjoni peress li "*kont rajt il-front end u l-back end system li ma kienux qeghdin jitkellmu bejniethom cioe jikkomunikaw bejniethom ghal partijiet kollha in kwistjoni*" (fol. 89). Sahaq li l-*content management system* ma setatx tintuza ghal *football* u ghal *handball*. Qal li kien hemm affarijiet li riedu jigu mmodifikati u b'hekk anke l-*content management system* riedet tigi modifikata. Dwar is-sistema li kien hemm meta huwa kien raha qal li "*jekk riedna ndahhlu ritratt jew profile tal-player ma konniex inkunu nistghu ndahhlu r-ritratt izda nkunu nistghu indahhlu l-profile u allura jkun jinhtigilna li naghmlu l-modifiki rikjesti sabiex inkunu nistghu indahhlu kemm ir-ritratt kif ukoll il-profile tieghu*" (fol. 89).

5. **Ir-rikorrenti** xehed bil-procedura ta' l-affidavit. Qal li huwa sar jaf lill-intimat mill-post fejn kien jahdem qabel u dan peress li l-intimat kien jaghmlilhom xi xoghol fis-sistema tal-*computers*. Qal li f'Novembru, 2010 huwa kien staqsa lill-intimat dwar kif tahdem sistema ta' *live website*. Qal li

l-intimat kien wera interess fil-progett li kien kellmu dwaru u kien infurmah li kien ser jivverifika kif tahdem din is-sistema. Huwa kien infurmah li l-*website* kellha tipprovdi informazzjoni dwar "*live scores ta' sports, liema website kellha tipprovdi l-lineups tal-players, karti sofor u homor li jaqalghu l-players waqt il-loghba, statistika u dak kollu li kellu x'jaqsam mal-loghba li tkun qed tintlaghab dak il-hin stess*" (fol. 54). Kompla jghid li wara ftit granet, l-intimat kien cempillu u qallu li *website* bhal dik kienet ser tigi tiswa madwar €5,000. Staqsieh ukoll jekk setax jidhol shab mieghu f'din il-bicca xoghol u r-rikorrenti da parti tieghu ma kellhux oggezzjoni ghal dan il-fatt. Spjega li bejn it-13 ta' Dicembru, 2010 u l-25 ta' Mejju, 2011 huwa kien ghadda s-somma ta' €2500 lill-intimat u cioe €500 permezz ta' cekk tal-BOV numru 704 mahrug fit-13 ta' Dicembru, 2010, €1000 permezz ta' cekk tal-BOV numru 708 mahrug fis-26 ta' Frar, 2011, €500 permezz ta' cekk tal-BOV numru 710 mahrug fis-16 ta' April, 2011 u €500 permezz ta' *bank transfer* fil-25 ta' Mejju, 2011.

Kompla jghid li l-intimat ried li l-*website* ssir fuq il-*football* minkejja li kien jaf li huwa, u cioe r-rikorrenti, ma kellhux relazzjoni tajba mal-MFA. Qal li l-intimat kien infurmah li huwa kien lest li jmur ikellem lir-rapprezentanti ta' l-MFA huwa stess fil-mument opportun. Sahaq li kull meta l-intimat kien jurih il-*website* huwa kien jigbidlu "*l-attenzjoni li m'hijiex kompluta u li ma kienetx qed tahdem. Sahansitra ghidtlu illi kien hemm hafna nuqqasijiet, u m'hijiex prezentabbli. Minkejja li gbidtlu l-attenzjoni kemm-il darba, qatt ma sar xejn*" (fol. 55).

Ghal habta ta' Awwissu, 2011 huwa kien reggha kellem lill-intimat u talbu sabiex jerga' jaghti spinta lil *website* peress li ma kien hemm xejn jahdem u skont ir-rikorrenti, l-intimat kien accetta dan il-fatt. Qal li f'dak iz-zmien huwa kien issugerixxa lill-intimat li huwa kien ser ikellem lil Handball Association u l-intimat da parti tieghu ma sab l-ebda oggezzjoni. Wara li kien ghamel il-kuntatti necessarji huwa gie nfurmat li din l-Assocjazzjoni kienet interessata f'din il-*website* u wara li kien ghamel xi emendi zghar l-intimat baqa qatt ma ghamel xejn aktar.

Qal ukoll li huwa kien kontinwament jibghat messaggi lill-intimat sabiex jaghmel il-*website* u dan kien jirrispondih li kien "*qed isir it-testing, jew li qed jahdem fuqha u affarijiet ohra izda xejn konkret*" (fol. 55). Minkejja din

il-persistenza da parti tieghu, kompla jghid ir-rikorrenti, dan ma kien sewa ghal xejn.

F'Awwissu, 2013 huwa kien ghamel tentattiv iehor sabiex din il-*website* tibda tahdem u l-intimat da parti tieghu kien jghidlu li kien qieghed "*jittestjaha u ma jghidli xejn iktar*" (fol. 55). Qal li b'sorpriza ghalih, l-intimat kien qallu li "*ma kienx jaf kif ghandha ssir*" (fol. 55). Ghalhekk huwa kien talab lill-intimat sabiex jghaddilu l-*files* tal-*website* halli jkun jista jghaddihom lil *programmer* Malti kif fil-fatt ghamel. Huwa imbaghad ghadda kollox lil dan il-*programmer* u cioe lil Robert Caruana sabiex dan ikun jista jiehu hsieb il-*website* izda dan "*sab problema kbira l-ghaliex meta l-files gew iccekjati sab li l-files li tani huma outdated u difficli biex tahdem bihom ghal rekwisiti li kont tlabt jien. Sab ukoll illi l-back end ma kienetx tahdem u ghalhekk il-front end ma kienetx funzjonabbli u ghalhekk ma setax ikun hemm live-score*" (fol. 55). Meta huwa kien kellem lill-intimat fuq din il-kwistjoni, skont ir-rikorrenti, dan qallu li "*huwa kien jahdem bihom u ma ghandek qatt tinvesti fil-programmi godda ghax tkun qed titlef il-flus*" (fol. 55).

Ghalaq l-affidavit tieghu billi qal li fi zmien hmistax-il gurnata minn meta ghadda l-*files* lil Robert Caruana, huwa bnielu *website* ohra peress li dak li kien ghaddielu l-intimat ma kienitx adegwata biex jahdem fuqha u llum il-*website* tieghu hija funzjonabbli.

In kontro-ezami huwa reggha ikkonferma li hu u l-intimat kienu shab f'din il-kwistjoni u in sostenn ta' dan huwa esebixxa zewg dokumenti mmarkati bhala dok. JAZ1 (fol. 99) u dok. JAZ2 (fol. 102). Qal li skont ma jirrizulta mill-istess dokumenti, huma kellhom jaqsmu l-ispejjez b'mod ugwali u ghalhekk kien qieghed jghid li l-intimat kellhu jaghtih il-flus. Ftehim bil-miktub ma hemmx izda kien hemm *gentlemen's agreement* bejniethom. Qal li l-intimat kellhu jaghmel il-parti teknika u huwa kellhu jghidlu kif jibnieha. Dokument biex juri dan il-*gentlemen's agreement ma kienx hemm*. Ir-rikorrenti qal li huwa kien qabel li "*kelli naghtih l-ispejjez li kien ghamel hu. Jiena kont lest illi nhallsu minn dawk l-elfejn u hames mija (2,500) tieghi*" (fol. 98). Ir-rikorrenti qabel ukoll ma dak suggerit lilu li huwa kien talab lill-intimat sabiex ihalli l-*website* li kien ghamel l-istess intimat *online*.

6. **L-intimat** xehed u qal li huwa jaf lir-rikorrenti u li kien ikkomunika mieghu permezz ta' l-*email* u sms. Ma kienx cert jekk kienx hemm messaggi bl-i*Skype*. Wara li gie muri sitt (6) *emails*, li gew esebiti mir-rikorrenti (fol. 30), l-intimat ikkonferma l-istess. Huwa xehed ukoll bil-procedura ta' l-affidavit. Fil-vesti tieghu ta' direttur tas-socjeta S.E. Link Limited qal li s-socjeta intimata hija "*totally extraneous to the case instituted by Francis Attard before the Small Claims Tribunal number 734/2014*" (fol. 59). Fil-vesti tieghu personali qal li huwa ilu sa mis-sena 1984 fl-IT u sistemi relatati. Qal li huwa "*IBM business partner and Lotus Engineer*" (fol. 61). Qal li sar jaf lir-rikorrenti peress li dan kien qieghed jahdem ma wiehed mill-klijenti tieghu u dan kien avvicinah sabiex jitolbu parir dwar *on-line business*. L-ideja tar-rikorrenti, kompla jghid l-intimat kienet sabiex jaghmel "*a live scores website for Malta Football Clubs as he is a football referee and he knows all the football clubs managements*" (fol. 61). Id-dhul kellu jkun minn *web advertisement*. Huwa ghadda biex jispjega ftit mill-parir preliminari li kien tah fuq dan il-progett li kellhu f'mohhu r-rikorrenti. Huwa qal li qatt ma talab li jkun shab mar-rikorrenti u dan kuntrarjament ghal dak allegat minnu fl-affidavit tieghu. Fil-fatt, kompla jghid l-intimat, din qatt ma ssemmiet fil-korrispondenza esebita. Qal ukoll li kien qallu li kellu jaghmel *out sourcing* tax-xoghol lil xi kumpaniji esteri u dan sabiex jiffranka l-flus. Wara kollox huwa hekk kien jaghmel bis-*software* tieghu. Qal ukoll li huwa kien informa lir-rikorrenti li huwa ma setax jaghmel dan il-progett u dan peress li huwa kien wahdu dak iz-zmien u kellu xi progetti kbar x'jiffinalizza. Weghdu pero li kien ser jghinu "*to manage and find the right outsourcing company for the project*" (fol. 61). Ix-xoghol ta' *design* kien assenjat lil Link Egypt li hija kumpanija Egizzjana. Qal li din is-socjeta kienet ghamlet il-"*logo, art work and design*" (fol. 61) u wara li x-xoghol gie approvat mir-rikorrenti, huwa kien ircieva l-ammont ta' €500 minghand ir-rikorrenti u ghadda dan l-ammont lis-socjeta estera msemmija. Dan huwa l-ammont li semma r-rikorrenti fl-affidavit tieghu kompla jghid l-intimat. L-izvilupp tal-*website* kellu jsir minn iCol. W.1.1 li ukoll hija socjeta estera gewwa l-Bahrain. L-ispiza kellha tkun bejn wiehed u iehor ta' €5000. Il-progett originali, kompla jghid l-intimat, "*was done to show live scores and written live comment for Maltese football clubs only (not including Gozo at that time)*" (fol. 61). Il-*website* ittellghet *online* bhala verzjoni *beta* fil-11 ta' Awwissu, 2011. L-informazzjoni tat-timijiet tal-*football* u tal-*players* kienu *updates* maghmula mir-rikorrenti li kien qieghed juza l-*web content management system back end*. Dan huwa kkonfermat minn *email* li ggib id-data tal-11 ta' Awwissu,

2011 (fol. 65) u approvata fis-17 ta' Awwissu, 2011 (fol. 66). Is-sistema kienet kompluta ghar-rigward tal-loghba tal-*football* kif kien miftiehem sal-ahhar ta' Awwissu, 2011. Qal li r-rikorrenti kien ukoll biegh zewg riklami lil *Cefai Formal Wear* u lid-*Dainty*. Huwa qal ukoll li kif kien diga informa lir-rikorrenti, s-sistema kellha tigi approvata u accettata mill-*Malta Football Association*. Kien f'dak il-mument li r-rikorrenti kien infurmah li huwa kellhu xi problemi ma dinl-assocjazzjoni minhabba xi pendenzi fil-qorti li kien hemm bejniethom. Qal li huwa kien offra li jghinu u kien sahansitra mar jaghmel presentazzjoni lill-*management* ta' l-MFA. Ir-rikorrenti ma kienx prezenti ghal din il-presentazzjoni. Sfortunatament, kompla jghid l-intimat, il-*management* tal-MFA qalulu li kellhom progett simili u ghalhekk ma setawx jaccettaw. Zied jghid li huwa kien jaf pero li r-raguni vera kienet li l-MFA ma rieditx tahdem mar-rikorrenti.Ghalhekk is-sistema qatt ma setat tibda kummercjalment ghal istagun tas-sena 2011 peress li dan il-progett ma kienx gie accettat mill-MFA. Ghalhekk, kompla jghid l-intimat, r-rikorrenti zamm dan il-progett peress li f'dak iz-zmien huwa kien qieghed ifittex *business plan* ohra.

Wara xi zmien ir-rikorrenti kien reggha avvicinah u qallu li l-*Gozo Football Association* u xi klabbs minn Ghawdex riedu juzaw is-sistema. Qal li huwa staqsa lir-rikorrenti kif kienet accettat li taghmel din il-haga l-GFA meta l-MFA ma accettathiex u aktar importanti minn hekk qallu li jekk jaghmel il-*website* ghal Ghawdex biss, din ma kienitx ser tiggenera bizzejjed negozju. Minkejja dawn il-pariri, r-rikorrenti xorta wahda ried jibqa ghaddej bis-sistema ghal Ghawdex. Sadanitant, kompla jghid l-intimat ir-rikorrenti qallu li kienet giet ideja ohra sabiex jinkludi l-*junior clubs*. Huwa infurmah li ried il-kunsens tal-genituri u r-rikorrenti wiegbu li kien ser jiehu hsieb hu. Ghal darb' ohra, l-*website* regghet giet emendata sabiex tinkludi t-timijiet minn Ghawdex u l-*junior clubs*. F'dan il-waqt, kompla l-intimat, r-rikorrenti wasal ghal konkluzzjoni li jekk kien ser juza l-*website* ghal Ghawdex biss, din kienet ser tohloq il-problemi u tqajjem hafna mistoqsijiet. Qal li r-rikorrenti beda jghid li jekk jaghmlu hekk, dan kien ser juri li kien hemm kwistjonijiet interni bejn l-MFA u l-GFA. Qal li ghal darb'ohra "*Mr Attard had no clear business plan for the project*" (fol. 62).

Ir-rikorrenti hareg b'ideja ohra u ried jinkludi l-*Handball* fil-*website*. Qal li meta gie nfurmat b'dan, huwa nforma lir-rikorrenti li ma kienx hawn bizzejjed nies hawn Malta sabiex taghmel flus mir-reklami u li riedet

titbiddel is-sistema prezenti peress li l-loghba tal-*Handball* kienet totalment differenti minn dik tal-*football*. Hafna mill-modifiki li riedu jsiru kellhom ikunu fil-*back-end of the content management system* minfejn tiddahhal id-*data* "*to feed the front end*" (fol. 63). Qal li r-rikorrenti kellhu fondi limitati sabiex jaghmel dawn il-modifiki izda minkejja dan huwa xorta wahda ried jaghmilhom. Reggha sostna li kien car li r-rikorrenti ma kellux *business plan*. Bejn Settembru 2011 u Lulju 2013, kompla jghid l-intimat, ir-rikorrenti kien waqqaf kollox peress li ma kellhux "*business plan for income*" (fol. 63). Qal li huwa ma kellhux hafna mid-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti li ma setax jigi assunt li huwa kien irceviehom. Ghalhekk ma kienx wiegeb ghal hafna minnhom. F'Lulju, 2013 imbaghad reggha kellmu r-rikorrenti u talbu sabiex jaghmel xi haga ghar-rigward tal-*website* peress li huwa kien tilef l-investiment kollu u kien reggha beda kuntatt mal-Handball Association. L-intimat stqarr li "*I have informed Mr Attard that in order to save his money, I will host the site in my own server with no charges (I had a small hosting server for my own work at that time) and only when it has the demand of users, he should move it to a faster location. I will try do some of the work myself when I have the time and he will do all the data update. I was feeling sorry for him as he was losing his investment*" (fol. 63). Qal li l-ispiza kienet tiela u ma kien qieghed jircievi l-ebda dhul. Qal li kien qieghed jaghmel kemm seta mix-xoghol huwa stess izda r-rikorrenti ma kienx qieghed japprezza dan il-fatt. Il-kommunikazzjoni bejniethom bdiet tkun aktar difficli u r-rikjesti da parti tar-rikorrenti dejjem jizdiedu.

Kompla billi qal li r-rikorrenti kien infurmah li kellhu problemi finanzjarji u li l-bank kien qieghed jigri warajh u li kien ser jitlef r-residenza tieghu. Dak il-waqt, kompla jghid l-intimat, ir-rikorrenti talbu l-flus lura. Qal li huwa irrifjuta li jaghmel dan u spjegalu li dan ma kienx possibbli peres, u dan kif kien jaf ben tajjeb, "*the work was done by the outsourcing company, and I did not take the money myself*" (fol. 63).

Fl-4 ta' Ottubru, 2013 r-rikorrenti talbu s-*source code* sabiex ikun jista jkompli x-xoghol band'ohra. Qal li huwa kien akkwista s-*source code* "*after paying myself all the late dues for the outsourcing company and gave him the source code and the domain as a final settlement*" (fol. 63). Ir-rikorrenti talbu sabiex izzomm il-*website online* sakemm javzah hu. L-intimat sostna li

din kienet ammissjoni da parti tar-rikorrenti li l-*website* verament kienet *online* f'dak il-mument (dok. D1-D3 a fol. 68-70).

Wara li kien tah is-*source code* r-rikorrenti reggha kellmu u qallu li s-sistema kienet wahda antika u mhux kompluta. Qal li r-rikorrenti gie nfurmat li x-xoghol kellhu jerga jibda mill-gdid. Huwa wiegbu u qallu li x-xoghol kien ilu lest u kellhu tlett (3) snin u li dak kien zmien twil fid-dinja ta' l-informatika. Minkejja li kien qallu dan id-diskors, l-intimat qal li t-teknologija uzata fuq il-*website* kienet dik maghrufa bhala *JAVA* li hija l-iktar ghodda li tintuza ghal *internet wed development* sal-lum. Apparti dan, huwa kien informa lir-rikorrenti ukoll, mill-bidunett, li ma kienx ghaqli li tintuza l-ahhar teknologija meta kien beda x-xoghol u dan peress li l-prezz taghha kien gholi f'dak il-waqt. Qal li "*we just used the right technology for the right job at the right time*" (fol. 63).

B'referenza ghal dak li xehed Robert Caruana, l-intimat qal li skont ma xehed l-istess Robert Caruana, xogholu huwa ta' *web designer* u mhux *web developer*. Dan, kompla jghid l-intimat ifisser li "*web designer is more in the design and the graphics of the web pages and not like the web developer that specialises in technology and writes the code that materialise the web site as the designer puts it*" (fol. 64). It-tip ta' teknoligija uzata fil-*website* hija dik tat-tip *Microsoft Active Server Pages* ASP li tista tiehu diversi tipi ta' *coding technologies* bhal *Visual Basic, HTML, JAVA u JAVA Script*. Qal li t-teknologija uzata wara erba' snin ser tkun ghada *supported* mill-Microsoft u dan sa l-14 ta' Jannar, 2020. Qal ukoll li mix-xoghol originali, li kien intalab f'Dicembru 2010 u sospiz ghal sentejn bejn Settembru, 2011 u Lulju 2013, kien hemm modifiki magguri u zidiet li biddlu l-*backend content management system* ghal *football juniors* u *handball* u dan b'referenza ghall-*content management* li kien differenti mill-*handball*.

In kontro-ezami, huwa cahad li l-*back end* tal-*website* ma kienx qieghed jahdem. Dan il-fatt huwa kkonfermat mir-rikorrenti stess permezz ta' l-*email* tieghu datata 17 ta' Awwissu, 2011 (fol. 66). Skont din l-*email*, kompla jghid l-intimat, kien hemm biss zewg affarijiet zghar li riedu jittrangaw. Ghal kumplament kollox kien qieghed jahdem tajjeb. Zied ighid li meta l-*website* tqeghdet *online* kienet tahdem u ma kienx hemm problemi.

Ghar-rigward tal-fatt li r-rikorrenti qal li hu kien shab mieghu, l-istess intimat qal li l-ispiza totali tal-*website* kellha tkun ta' €5,500. Dan ifisser, kompla jghid l-intimat, €2,750 kull wiehed. Allura, staqsa l-intimat, kif ir-rikorrenti kien qieghed jitlob biss l-ammont ta' €2,500. Dan, sostna l-intimat kien punt iehor sabiex juri li hu u r-rikorrenti ma kienux f'din il-bicca xoghol bhala shab.

Sostna li mhux minnu li dak li kien qieghed jitlob ir-rikorrenti minnu ma kienx tlesta. Fil-fatt, fid-dokument esebit a fol. 67 tal-process kien jindika l-kelma *handball* apparti *football* u dan kien jindika li x-xoghol mitlub mir-rikorrenti kien qieghed isir. Zied ighid li meta r-rikorrenti kien qallu li li ried ikompli x-xoghol fuq il-*website* band'ohra huwa qabad u tah is-*source code* b'xejn. Huwa hallas ukoll ghall-ispejjez zejda li kienu saru kif ukoll ghal *hosting* tal-website. Qal li fid-dokument D1 esebit a fol. 68 tal-process huwa kien kiteb li "*I will not charge for the work I had done myself or for the cost of indicating of the dedicated hosting till today. I will take care of the supplier myself*" (fol. 94-95). Dan juri bic-car, kompla jghid l-intimat li r-rikorrenti kien jaf li huwa ma kienx shab mieghu l-ghaliex ix-xoghol kien sar minn haddiehor. Qal li mill-5 ta' Ottubru, 2013 il-quddiem huwa ma kienx involut aktar fil-*website* jew fil-programm. Il-*website* in kwistjoni kien jisimha *viewresults.eu*. Qal li min dak-in-nhar lil hawn ir-rikorrenti qatt ma qallu sabiex inehhi l-*website* u konsegwentement, huwa baqa jinkorri spejjez ta' kull xahar ghal *hosting*. Qieghed jaghmel dan kollu minkejja li r-rikorrenti ma ghadux juza l-*website* tieghu. Mistoqsi jekk kienx ta ricevuti lir-rikorrenti ghal hlasijiet li kien ircieva minghandu, huwa qal li "*it was plaintiff who paid the money therefore the receipt is at palintiff not at me. The amount which plaintiff has paid is of two thousand five hundred (2,500) whilst the actual cost of the programme and the website is of five thousand five hundred (5,500)*" (fol. 95). Fl-ammont ta' €5,500 ma hemmx inkluz l-ispejjez ghall-"*online hosting, domain registration and other extra work done for Gozo and handball etc*" (fol. 95).

Ikkunsidra ulterjorment;

7. Ir-rikorrenti permezz ta' din it-talba talab ir-rifuzjoni minghand l-intimati tas-somma ta' €2,500 liema ammont thallas minnu lilhom ghal xogholijiet li kellhom isiru fuq *website*. Huwa sostna li dawn ix-xogholijiet baqghu ma

sarux mill-intimati. Konsegwentement talab li jigi rifuz l-ammont minnu mhallas.

8. Iz-zewg intimati talbu lit-Tribunal sabiex huwa jissopprassjedi sakemm jigu decizi l-proceduri li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet: Joseph Attard vs Samy El Saghir et (Avviz Nru. 358/2014/FDP) u dan peress li huma sostnew li dik il-kawza hija intrinsikament konnessa ma dik odjerna. L-istess intimat ressaq rikors fit-2 ta' Marzu, 2015 fejn reggha talab lit-Tribunal sabiex jissopprassjedi. Id-dokument immarkat bl-ittra A (fol. 14) huwa kopja ta' l-avviz li gie pprezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Ir-rikorrenti odjern, talab f'dawk il-proceduri li l-intimati odjerni jhallsuh is-somma ta' €9,000 rapprezentanti self li sar lilhom jew min minnhom u hlasijiet li saru lil terzi fuq struzzjonijiet tal-intimat Samy El Saghir filwaqt li d-dokument immarkat bin-numru "1" (fol. 16) hija r-risposta ghal dak l-avviz. F'dik ir-risposta, l-intimat sahaq li l-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet intimament konnessa ma' din il-kawza li qieghed jisma t-Tribunal u li l-intimat qatt ma ssellef l-imsemmija somma ta' €9,000. Qal ukoll li kull ammont ta' flus li ghaddew lil intimat kienu ghal xogholijiet li gew esegwiti fuq struzzjonijiet ta' l-istess attur.

9. L-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet: **Dottor Kenneth Grima noe vs Monet Limited et noe et**[1] deċiża fil-11 ta' Gunju, 2013, fuq il-punt ta' sopprassessjoni qalet li:

    i. Normalment fis-sistema proċedurali Malti, l-eccezzjoni li titlob it-twaqqif ta' smigh tal-kawża sakemm tinqata ohra li tkun marbuta maghha hija msejsa fuq dak li jipprovdi l-artikolu 793 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jitkellem dwar smigh fl-istess waqt taz-zewg kawżi li jkun hemm dik ir-rabta bejniethom, fis-sens li l-kawza mressqa t-tieni fuq suġġett marbut ma' kawża mressqa qabilha tinstama' flimkien ma' dik imressqa l-ewwel, taht il-principju tal-*ius preventionis*;

    ii. Illi s-soprassessjoni tista b'mod eċċezzjonali tinghata meta tali smigh fl-istess waqt taz-zewg kawżi ma jkunx jista jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni ghar-regola ġenerali li kull kawża ghandha tinstama

[1] per Onor. Imhallef J.R. Micallef;

sakemm tiġi maqtugha[2], trid tinghata dejjem taht kundizzjonijiet li ghandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir[3]. Kemm hu hekk, inghad sahansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali[4] li l-eccezzjoni tas-soprassessjoni fis-sens li l-Qorti ghandha tieqaf milli tkompli tisma kawża bhala tali, fis-sistema proċedurali taghna, m'hijiex kontemplata ghaliex l-eccezzjoni li l-Kodici tal-Procedura Civili jikkontempla hija l-eccezzjoni maghrufa bhala lis alibi pendens u din l-eccezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi ghaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu.

iii. Illi huwa minhabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bhala provvediment ordinatorju mholli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bhal dik[5]. Provvediment bhal dan huwa meqjus bhala wiehed interlokutorju[6] u ghalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatù jekk tqum il-htiega li tibdel il-fehma taghha aktar il-quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex taghmel dan;

iv. Illi ghalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprassessjoni jitqies bhala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smiegh ta' kawża, meta n-norma hija, kif inghad, li kawża li tinbeda ghandha tinstama sa ma tinqata[7]. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprassessjoni tqies bhala wiehed alejatorju[8] li, minhabba t-termini ibsin tal-Kodici Procedurali dwar is-smigh taghhom, jista jwassal ghad-dezerzjoni tal-proceduri mwaqqfa. Ghal bosta snin, il-Qrati taghna sabu li t-twaqqif ta' smigh ta' kawża biex tistenna l-ezitu ta' kawża ohra li diġà tressqet jew sakemm titressaq wahda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-kaz

---

[2] Art. 195 (1) tal-Kap. 12;

[3] **Sir Ugo Mifsud noe vs Guido Abela et** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fit-28 ta' Ottubru 1935 (Vol. XXIX/i/1295);

[4] **Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim' Ministru et** deċiża mill-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-12 ta' Awwissu, 1994 (Vol. LXXVIII.i.171);

[5] Ara, per eżempju, **German et vs Scicluna et** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fit-23 ta' Gunju, 1869 (Vol. V/157); **Bugeja vs Zammit** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar, 1946 (Vol. XXXII/ii/197) u **Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttigieg et noe** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Kummercjali) fis-26 ta' Marzu, 1984;

[6] **Mallia et vs Bezzina et** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fit-22 ta' Mejju, 1989 (Vol. LXXIII.ii.338);

[7] **Cardona vs Pisani** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fl-4 ta' Novembru, 1957 (Vol. XLI/i/547);

[8] **Camilleri noe vs Vassallo Gatt pro et noe** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju, 1997 (Vol. LXXXI/iii/83);

meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawza li sejra titwaqqaf[9].

10. U fil-kawza fl-ismijiet **James Grech vs Roderick Muscat**[10], deċiża mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Settembru, 2013 inghad li:

"*Kienu stabbiliti mill-Qrati taghna kriterji fejn ghandha tiġi milqugha talba ghal soprasessjoni. Tkun akkolta t-talba meta jkun spedjenti (ara **Galea vs Galea** – Kollez. Vol. XXXIX.i.467 u Appell Civili – **Cassar vs Xuereb** – 12 ta' Marzu, 1973). Tkun akkolta wkoll meta s-soluzzjoni ta' punt in kontestazzjoni jkun jiddependi minn dak li jkun sejjer jiġi deċiż fil-kawza l-ohra (ara Kollez. Vol. XLVI.ii.591). It-talba ghandha però tkun riġettati jekk il-parti l-ohra tkun ser tbati preġudizzju. Jibqa l-principju illi s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jiġi applikat biss jekk ikun neċessarju ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (ara Kollez. Vol. XLI.i.507) ghaliex huwa prinċipju ewlieni fl-ordinament tal-procedura ċivili taghna illi kawża ghandha tibda u tibqa tinstemax sa ma tkun deċiża. Is-soprasessjoni hija miżura eċċezzjonali ghaliex tiffrena l-andament normali ta' kif ghandhom jimxu l-kawzi. Decizjoni dwar takkordax talba ta' din ix-xorta inkella le hija rimessa kollha kemm hi ghad-diskrezzjoni tal-gudikant skond ic-cirkostanzi tal-kaz (Kollez. Vol. XXXII/ii/197)*"

11. Applikati dawn il-principji legali hawn fuq esposti ghall-fatti ta' dan il-kaz, <u>mill-atti</u> jirrizulta li filwaqt li din il-kawza odjerna hija dwar li l-intimati jew minn minnhom ma esegwewx ix-xogholijiet li kienu rikjesti mir-rikorrenti ghar-rigward ta' zvilupp ta' website, u ghalhekk talbu r-rifuzjoni tal-flejjes imhallsa, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet: Joseph Attard vs Samy El Saghir et (Avviz Nru. 358/2014/FDP) u dan ir-rikorrenti odjern qieghed jitlob li l-intimati odjerni jhallsuh is-somma ta' €9,000 rapprezentanti self li sar lilhom jew min minnhom u hlasijiet li saru lil terzi fuq struzzjonijiet tal-intimat Samy El Saghir (fol. 14). Fir-risposta tieghu ghall-avviz imsemmi, l-intimat odjern qal li huwa qatt ma ssellef l-imsemmija somma ta' €9,000 u li l-flejjes li tah ir-rikorrenti kienu ghal xogholijiet li gew esegwiti fuq struzzjonijiet ta' l-istess attur. Provi ohra dwar in-natura tal-kawza li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati

[9] **Azzopardi et vs Critien pro et** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civli fit-12 ta' April, 1962 u **Grima et vs Frendo et** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Civili) fis-6 ta' Ottubru, 1999 (Vol. LXXXIII/ii/393);

[10] per Onor. Imhallef J. Zammit McKeon;

(Malta) ma hemmx iktar fl-atti ta' din il-kawza. Ghalhekk filwaqt li t-Tribunal qieghed jichad ir-rikors datat 2 ta' Marzu, 2015 (fol. 15) qieghed jichad ukoll l-eccezzjoni tas-soprasessjoni mqanqla miz-zewg intimati u sejjer jipproċedi ghad-decizjoni fuq il-mertu.

Ikkunsidra ulterjorment;

12. Is-socjeta intimata stqarret li hija ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u ghalhekk kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Qalet ukoll li hija ma nghatat l-ebda inkarigu mir-rikorrenti u qatt ma rceviet xi hlasijiet minghandu.

13. Mill-atti tal-kawza jirrizulta li r-rikorrenti kien iltaqa ma l-intimat waqt li dan ta' l-ahhar kien qieghed jaghmel xi xogholijiet fuq is-sistema ta' l-IT tas-socjeta fejn ta' l-ewwel kien jahdem. Ir-rikorrenti kien staqsieh xi informazzjoni dwar *live website*. Wara li kien tah din l-informazzjoni, iz-zewg partijiet bdew jahdmu flimkien sabiex din l-ideja tar-rikorrenti tal-*live website* tkun tista issir rejalta. Mid-dokument esebit mill-Prokuratur Quentin Tanti a fol. 49 tal-process (dok. QTI) irrizulta li d-direttur tas-socjeta intimata S.E. Link Limited kien l-intimat Samy Mohamed El Saghir Mohamed Soliman sive Samy El Saghir. L-intimat fil-vesti tieghu ta' direttur tas-socjeta intimata qal fl-affidavit tieghu li s-socjeta intimata "*is totally extraneous to the case instituted by Francis Attard before the Small Claims Tribunal number 734/2014*" (fol. 59). It-Tribunal qed jifhem li l-isem Francis kellhu jaqra Joseph. Ir-rikorrenti, in kontro-ezami imbaghad esebixxa kopja ta' *email* li kienet intbaghtet lil Norman Darmanin Demajo president tal-Malta Football Association dwar "*new sports project with live scors & events in Malta*" presumibbilment fit-3 ta' Awwissu, 2011 u iffirmata minn Samy Saghir, Managing Director SE Link Ltd – Malta (fol. 99-100). Qed jinghad presumibilment l-ghaliex fl-*email* indirizzata lis-Sur Darmanin Demajo ma hemmx data izda hemm hin u l-kelma "*Today*" imbaghad aktar il-fuq fl-istess dokument, hemm id-data "*Wed 8/03/11*" u aktar tard *"forwarded by elsaghir/domino on 03/08/2011 14:37"*. Min din l-*email* ghandu jirrizulta li s-socjeta intimata kienet qeghda taghmel kuntatt mal-Malta Football Association ghar-rigward tal-*live website* li kienu

qeghdin jahdmu fuqha l-partijiet. It-Tribunal qed jifhem li jekk verament din is-socjeta intimata ma kellhiex x'taqsam mal-progett, allura isimha ma kienx jintuza sabiex issir komunikazzjoni ufficjali ma' l-MFA izda kien jikkomunika maghha biss l-intimat. Dan juri fil-fehma tat-Tribunal li s-socjeta intimata kienet involuta f'din il-kwistjoni. Ghalhekk din l-eccezzjoni sejra tigi michuda.

Ikkunsidra ulterjorment;

14. L-intimat da parti tieghu qal li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu illi x-xogholijiet mifthema baqghu ma twettqux u fi kwalunkwe kaz, l-ammont pretiz kien fil-fatt *start up payment* ghal xogholijiet ta' entita akbar li effettivament gew imwettqa kif miftiehem.

15. Robert Caruana, dwar il-*website* in kwistjoni qal li r-rikorrenti kien talbu sabiex ikompli fuq *website* li huwa kien beda ma haddiehor. Huwa qal li meta kien ra din il-*website*, kien hemm affarijiet li ma ippermettewlux li jutilizza dak li kien diga sar. Dan peress li l-*content management system* ma kienitx qeghda tikkomunika mal-*website* li jkun jista jara l-pubbliku. Qal ukoll li l-*content management system* kienet ghadha kwazi mhux mibnija u minhabba f'hekk, huwa kellhu jerga jaghmel is-sistema mil-gdid. Zied ighid li ghalkemm il-pubbliku seta jara l-informazzjoni fuq il-*website* din l-istess informazzjoni kienet nieqsa fil-*back end system* li suppost tiehu hsieb li tipprovdi din l-informazzjoni li l-pubbliku jkun jista jara fuq il-*website*. Dan Robert Caruana qal ukoll, dwar is-sistema li kienet qeghda tintuza precedentement li t-teknologija uzata kienet ghadha valida izda ma kienitx tiflah ghal influss ta' traffiku li jaf ikollhom siti bhal dawn. In kontro-ezami, huwa qal li hu kien *web designer* u cioe l-persuna li tiehu hsieb l-istruttura u d-disinn tal-*website* izda ma kienx *web developer*. L-izvilupp tas-sit ha hsiebha persuna ohra li kien jifforma parti mit-tim tieghu. Irrizulta ukoll li l-preokupazzjoni principali tieghu ma kienitx ghar-rigward tal-lingwa li intuzat fil-programm precedenti izda kienet ghar-rigward tad-*database*. Meta gie mistoqsi l-percentagg li huwa kien jaghti ghal kemm kienet kompluta din

il-*website* meta r-rikorrenti mar ghandu, huwa qal li kien hemm hmistax fil-mija (15%) lest biss. L-intimat da parti tieghu sostna li r-rikorrenti ma kellhux *business plan* cara dwar din il-*website* u dan kien kontinwament ibiddel il-parametri mifthema. Hekk per ezempju l-ewwel riedha ghal *football*, imbaghad ghal *football* tal-Ghawdex, imbaghad ghal *handball* u affarijiet ohra simili. Qal li ghalhekk, huwa kien ikollu joqghod ibiddel hafna mill-informazzjoni li jkun dahhal fis-sistema minhabba dawn it-tibdiliet li kien qieghed jghidlu r-rikorrenti. Apparti min hekk, kompla jsostni l-intimat, ir-rikorrenti ma kellux il-fondi bizzejjed sabiex jaghmel din il-*website* li skont ma jirrizulta kellha tigi tiswa madwar hamest' elef euro (€5,000). Ir-rikorrenti da parti tieghu sahaq li l-intimat ried jidhol f'din il-bicca xoghol bi shab mieghu u li r-rikorrenti kien ghadda, l-ammont ta' €2,500 lill-intimat. Dan l-ahhar ammont jirrizulta ippruvat mid-dokumentazzjoni esebita fil-process. L-intimat cahad li huwa kien bi shab mar-rikorrenti fuq din il-kwistjoni tal-*website* u zied jghid li huwa spicca jghin lir-rikorrenti b'xejn billi pprovdielu hinu u anke ha hsieb li din il-*website* tkun *hosted* ma terzi. Dan kollu a spejjes tieghu. It-Tribunal jifhem li jekk verament ma kienx hemm shubija bejn il-partijiet f'din l-ideja allura l-intimat ma kellhux ghalfejn jaghmel xejn min dan kollu. Kien jieqaf milli jkompli jaghti dawn is-servizzi lir-rikorrenti u kien anzi jitlob il-hlas ghax-xogholijiet minnu esegwiti u ghall-ispejjez li huwa ghamel inkluz dak ta' *hosting*. Ghalhekk, it-tribunal qieghed iqis li dak li qal ir-rikorrenti u cioe li kien hemm shubija bejn il-partijiet ghar-rigward ta' dan il-progett bhala minnu.

16. Imiss ghalhekk jigi deciz, in vista ta' dak li inghad jekk it-talba tar-rikorrenti maghmula f'dawn il-proceduri hijiex misthoqqa. Fil-fehma tat-Tribunal, ibbazzata fuq il-fatt li huwa sab li kien hemm ftehim ta' shubija bejn il-partijiet, tali talba tar-rikorrenti ma hijiex misthoqqa. Ftehim bejn tnejn min nies jew aktar sabiex jaghmlu xi haga, liema haga ma tirnexxiex ma jfissirx li dik il-parti li ma tkunx trid tibqa shab fil-progett tista titlob lura l-hlasijiet li hija tkun ghamlet minghand il-parti l-ohra. F'ka zli progett ma jirnexxiex kull parti titlef xi haga u f'dan il-kaz, filwaqt li l-intimat ser ikun tilef il-hin

li huwa investa f'dan il-progett, r-rikorrenti ser ikun tilef l-flejjes li huwa investa fih. Ghalhekk it-Talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tas-soprassessjoni u jiddikjara li s-socjeta intimata giet imharrka tajjeb, qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**